MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 54/2012

**Joseph u Doris konjugi Mifsud**

**Vs**

**Joseph u Rita konjugi Camilleri, Aaron Camilleri, kif ukoll l-istess Joseph u Rita konjugi Camilleri bhala kurturi ad litem ta' binhom minuri Maurizio Camilleri u b'digriet tat-3 ta' April 2012 il-qorti ordnat li Fogg Insurance Agencies Limited fil-kwalita taghha ta' mandatarja tas-socjeta barranija Avon Insurance plc**

## Rikors guramentat.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-17 ta' Jannar 2012, l-atturi ghamlu riferenza ghall-kawza **Joseph**

**Camilleri et vs Joseph Mifsud et** (236/99) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010. Spjegaw ukoll li qabel instema' l-appell kienu ddepozitaw somma flus bhala kawtela tal-ispejjez, li ghadu depozitat fil-qorti. Ippremettew ukoll li l-flus setghu jittiehdu lura ghaliex kienu nfurmati li l-kumpannija assiguratrici li kienet obbligata thallas, fil-fatt hallset dak li kien dovut. L-atturi jsostnu li skond l-Artikolu 12(1) tal-Kap. 104 il-kumpannija assiguratrici ghandha obbligu li thallas id-danni kollha. Tant hu hekk li f'dan il-kaz hallset is-sorte kollu u nofs l-ispejjez u imghax. L-atturi allegaw li l-posizzjoni taghhom giet pregudikata ghaliex Camilleri accettaw biss nofs l-ispejjez. Ghalhekk m'ghandhom l-ebda jedd li jippretendu xi hlas ta' spejjez minghand l-atturi. Ghalhekk l-atturi talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-malliverija depozitata mill-atturi fl-atti ta' l-appell fl-ismijiet inversi (Citaz. numru 236/99) deciz fit-3 ta' Dicembru 2010 ghandha tigi sbankata mill-atturi.

**<u>Risposta guramentata tal-konvenuti Camilleri.</u>**

1. Ir-rikors guramentat hu null ghaliex ma fihx tifsira cara u sewwa tal-premessi u tat-talbiet tal-atturi. Fir-rikors hemm premessi kontradittorji.
2. Il-konvenuti Camilleri ghad fadlilhom jithallsu bilanc tal-ispejjez gudizzjarji.
3. L-atturi kienu ghamlu kawza kontra l-assikurazzjoni. Ghalhekk, il-premessi fir-rikors promotur, partikolarment fil-hdax il-premessa m'hijiex minnha.

B'digriet li nghata fit-3 ta' April 2012 giet imsejha fil-kawza l-kumpannija Fogg Insurance Agencies Limited.

**<u>Risposta guramentata ta' Fogg Insurance Agencies Limited nomine.</u>**

1. In linea preliminari, l-eccipjenti tirrileva illi l-atturi odjerni kienu diga` istitwew proceduri fl-ismijiet **Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Limited** [Rikors Guramentat Numru 35/2011/MCH] illi kienu jirrigwardaw proprju l-kwistjoni tal-kopertura ommeno in konnessjoni ma' l-ammonti kollha dovuti lit-terzi [fosthom il-konvenuti

odjerni Camilleri] ai termini tas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et**[1]. Kopja tar-Rikors Guramentat imsemmi hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. **RG1**;

2. L-imsemmija proceduri fl-ismijiet **Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Limited** [**Dok. RG1**] kienu gew ceduti nhar l-14 ta' Marzu 2011 u dan skond ma jirrizulta min-Nota ta' Cessjoni u verbal relattiv illi kopji rispettivi taghhom qieghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala **Do. RG2** sa **Dok. RG3** rispettivament;

3. Illi b'danakollu sal-lum, l-atturi odjerni baqghu ma hallsux lill-esponenti l-ispejjez dovuti in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet **Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Limited** [**Dok. RG1**];

4. Illi effettivament, it-talba ta' l-atturi odjerni sabiex l-esponenti tigi kjamata f'din il-kawza tikkostitwixxi l-proponiment mill-gdid tat-talba ga` maghmula mill-atturi fil-kawza minnhom ceduta fl-ismijiet **Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Limited** [**Dok. RG1**];

5. Illi ghalhekk l-esponenti teccepixxi n-nullita` ta' l-azzjoni odjerna in kwantu dina tirrigwarda lill-istess esponenti ai termini ta' l-**Artikolu 907(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. Illi, inoltre, u dejjem in linea preliminari, il-proceduri fl-ismijiet **Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Limited** [**Dok. RG1**] gew ceduti *sic et simpliciter* u mhux sabiex l-atturi hemmhekk setghu jirregolaw ruhhom ahjar u kwindi l-atturi odjerni huma prekluzi milli jergghu jressqu t-talba taghhom stante illi c-cessjoni tal-kawza hija meqjusa bhala dezerzjoni ai termini ta' l-**Artikolu 907(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

7. Illi dejjem in linea preliminari, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-eccipjenti tissottometti illi hija ma tiggestixxi l-ebda negozju ta' assigurazzjoni f'isimha personalment. Fiz-zmien ta' l-incident *de quo* l-eccipjenti kienet tagixxi biss *qua* mandatarja tas-socjeta` estera Avon Insurance p.lc, u

[1] Deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-3 ta' Dicembru 2010 [Appell Civili Numru 236/1999].

ghalhekk l-istess socjeta`, kif kajmata fil-kawza fil-kwalita` diretta taghha, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

**In linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess,** is-socjeta` kjamata fil-kawza teccepixxi s-segwenti:-

8. Fl-ewwel lok, it-talba attrici ma tregix fil-konfront ta' l-esponenti stante illi l-esponenti hija ghal kollox estranea ghall-kwistjoni ta' l-izbank tal-malleverija depozitata mill-atturi odjerni in konnessjoni ma' l-Appell interpost minnhom riferibbilment ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri nhar it-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et**. Ghalhekk l-esponenti teccepixxi illi hija ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju f'dan il-kaz;
9. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq premess u fil-mertu l-esponenti tissottometti illi fis-Sentenza minnha moghtija fit-3 ta' Dicembru 2010 fil-proceduri **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell:-
a. Irrikonoxxiet espressament illi l-agir ta' l-atturi odjerni kien leziv tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-esponenti;
b. Sabet kwindi lill-atturi odjerni responsabbli ugwalment flimkien ma' binhom, id-defunt Sean Mifsud, ghad-danni rizultanti mill-incident awtomobilistiku illi kien jifforma l-mertu ta' dawk il-proceduri;
c. Konsegwentement ikkundannat lill-kuraturi deputati rapprezentanti lid-defunt Sean Mifsud u lill-atturi odjerni, b'mod *in solidum* bejniethom, sabiex ihallsu d-danni likwidati favur il-konvenuti odjerni Camilleri;
d. Iddecidiet illi l-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jigu sopportati ugwalment bejn l-atturi odjerni u l-kuraturi deputati rapprezentanti lid-defunt Sean Mifsud.
10. Minn dan jirrizulta kjarament illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddistingwiet bejn ir-responsabilita` relattiva ghall-hlas tad-danni [illi kellha tigi sopportata *in solidum* bejn l-atturi odjerni u binhom id-defunt Sean Mifsud ossia l-eredita` tieghu] u dik relattiva ghall-hlas ta' l-ispejjez illi

kellhom jigu sopportati ugwalment [jigifieri kull wiehed skond sehmu] bejn l-istess partijiet;

11. Illi, skond il-Ligi, l-esponenti kienet obbligata illi tkopri dawk il-pagamenti dovuti mid-defunt Sean Mifsud ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta**. B'danakollu, dawk l-ammonti illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ordnat illi kellhom jigu sopportati mill-atturi odjerni (ossia nofs l-ispejjez) ma setghu qatt jigu addossati mill-esponenti. Dan qieghed jinghad partikolarment in vista tas-segwenti fatti: -

a. il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-esponenti da parti ta' l-atturi odjerni – liema ksur gie wkoll iddikjarat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

b. l-esponenti qatt ma awtorizzat lill-atturi odjerni sabiex jiddefendu l-proceduri fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et** f'isimhom personalment – u lanqas kienet tenuta illi tkoprihom f'tali difiza skond il-Ligi stante illi l-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta** huwa intiz sabiex ikopri lix-xufier f'negligenza akwiljana u mhux lill-assigurat illi jirrendi ruhu hati ta' ksur kuntrattwali meta ma jonorax l-obbligi tieghu skond il-polza;

c. wisq u wisq anqas l-esponenti qatt awtorizzat lill-atturi odjerni illi jinterponu l-appell illi ghamlu.

12. Illi kwindi ai termini tas-Sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et,** l-esponenti indennizzat lit-terzi billi hallsithom is-*sorte* kollu bl-interessi legali [abbazi ta' l-obbligu taghha *in solidum* u ai termini tal-**Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta**] u nofs l-ispejjez gudizzjarji skond it-taxxa ufficjali relattiva sabiex b'hekk tkopri s-sehem tad-defunt Sean Mifsud ai termini tas-Sentenza, u skond il-Ligi;

13. Jigi ribadit illi l-atturi odjerni kienu ben konxji u effettivament accettaw dan ir-ragunament meta huma cedew il-kawza fl-ismijiet **Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Limited [Dok. RG1]**, fl-ewwel dehera wara illi hadu konjizzjoni tad-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-pagamenti effetwati mill-esponenti in konnessjoni ma' dan il-kaz. L-istess dokumentazzjoni kienet giet annessa flimkien mar-Risposta Guramentata

ta' l-esponenti f'dak il-kaz – kopja hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG4**;

14. Ghaldaqstant, l-esponenti, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha taghha, teccepixxi fil-mertu illi hija diga` hallset l-ammonti kollha dovuti minnha favur it-terzi skond is-Sentenza **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et** u skond il-Ligi, u kwindi ma tistax tigi obbligata illi teffettwa ebda pagament ulterjuri.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li:-

*"l-malliverija ddepositata mill-atturi fl-atti ta' l-appell fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru. 236/99) deciz fit-3 ta' Dicembru 2010 hija ghandha tigi zbankata mill-atturi."*.

Jirrizulta li:-

i) L-atturi kienu appellaw is-sentenza li nghatat fil-kawza **Joseph Camilleri et vs Joseph Mifsud et** (Cit. numru 236/99) deciza fit-3 ta' Ottubru 2008. F'dik is-sentenza l-qorti kienet iddikjarat li l-incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta' Settembru 1995 kienu responsabbli ghalih il-konvenut, u kkundannat lill-konjugi Mifsud ihallsu €72,900.

ii) Il-malliverija mhallsa kienet fis-somma ta' hames elef u sittin ewro u sebgha u disghajn centezmu (€5,060.97)[2].

iii) B'sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010 il-Qorti tal-Appell iddecidiet: *"...tilqa' parzjalment l-appell limitatament fejn il-konvenuti appellanti jippretendu li l-konvenuti kuraturi appellati kellhom ukoll jinsabu responsabbli ghall-incident de quo u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara l-kuraturi konvenuti appellati responsabbli flimkien mal-konvenuti appellanti ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u tiddikjara li skont il-ligi l-istess kuraturi konvenuti appellati huma responsabbli in solidum mal-konvenuti appellanti ghall-hlas tad-danni*

[2] Id-depozitu sar fis-16 ta' Settembru 2010.

*kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-istess incident u tikkundanna lill-istess kuraturi konvenuti appellati u lill-konvenuti appellanti sabiex ihallsu solidalment bejniethom lill-atturi appellati s-somma ta' tnejn u sebghin elf u disa' mitt euro (€72,900) kif likwidata in linea ta' danni mill-ewwel Qorti u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.*
*L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti appellanti u l-kuraturi konvenuti appellati"*.
iv) Fit-28 ta' Gunju 2011 l-atturi kienu pprezentaw rikors fil-Qorti tal-Appell li bih talbu li jigu awtorizzati jisbankaw il-flus tal-malliverija. Camilleri oggezzjona. B'digriet li nghata fl-20 ta' Dicembru 2012 il'Qorti tal-Appell in vista li kemm Mifsud u Camilleri kienu qeghdin jitolbu l-awtorizazzjoni biex jisbankaw il-flus depozitati bhala malliverija, awtorizzat *"....lill-partijiet jipprocedu fil-kontenzjuz jekk hekk jidhrilhom."*. Digriet li wassal ghal din il-kawza.

L-atturi qeghdin jibbazaw it-talba fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti Camilleri thallsu mill-kumpannija assiguratrici s-somma li giet likwidata mill-qorti.

B'digriet moghti fit-3 ta' April 2012[3] il-qorti ordnat li Fogg Insurance Agencies Limited tissejjah fil-kawza.

Il-qorti ser tibda billi tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari:-

i. **Nullita tar-rikors guramentat ghaliex ma fihx tifsira cara u sewwa tal-premessi u talbiet**:- eccezzjoni li fil-fehma tal-qorti nghatat bla bzonn. Ir-rikors guramentat fih spjegazzjoni cara tal-ilment tal-atturi.

ii. **Nullita tar-rikors guramentat ghaliex l-atturi ghadhom ma hallsux l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Ltd (35/2011)**: eccezzjoni bla bazi. F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu biss li jigu awtorizzati jiehdu l-flus

[3] Fol. 33.

depozitati bhala garanzija ghall-ispejjez tal-appell. Ma saret l-ebda talba simili fil-kawza Joseph Mifsud et vs Fogg Insurance Agencies Ltd (35/11MCH) fejn Mifsud kienu qeghdin jitolbu li Fogg tigi kkundannata thallas id-danni lill-atturi ghaliex ma onoratx id-dmirijiet taghha bhala assiguratur koncernat sknod l-Artikolu 19(2)(f) tal-Avviz Legali 28 tal-1986. L-Artikolu 907(2) japplika fejn attur jibda kawza ghall-istess haga u jkun ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-ewwel kawza. Hu minnu li Fogg ma kenitx parti fil-kawza 236/99 pero l-htiega tal-prezenza taghha f'din il-kawza gie spjegat fid-digriet tat-3 ta' April 2012.

iii. **<u>Ic-cessjoni tal-kawza 35/2011 minghajr kondizzjoni</u>**:- eccezzjoni ohra li nghatat bla bzonn. Il-fatt li attur jirrinunzja ghall-kawza minghajr ebda rizerva, ma jfissirx li b'daqshekk jitlef il-jedd li jaghmel kawza ohra. Ghalkemm Fogg ghamlet riferenza ghall-Artikolu 907(1) tal-Kap. 12, dezerzjoni quddiem din il-qorti ma tipprekludix lill-attur milli jaghmel kawza ohra ghall-istess haga. F'kull kaz rajna kif din il-kawza ma saritx ghall-istess haga tal-kawza 35/2011.

Mill-atti jirrizulta li Fogg Insurance Agencies Limited hallset lil Camilleri s-somma ta' €72,900 sorte u €13,122 imghax u nofs l-ispejjez. Jibqa' il-kumplament tal-ispejjez gudizzjarji li Fogg qeghda tippretendi li ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom Mifsud, meqjus dak li jinghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Fir-risposta guramentata Fogg ikkonfermat:-

*"Illi, skond il-Ligi, l-esponenti kienet obbligata illi tkopri dawk il-pagamenti dovuti mid-defunt Sean Mifsud ai termini tal-**Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta**."*.

Ghalkemm Fogg issostni li hi, *"....ghal kollox estranea ghall-kwistjoni ta' l-izbank tal-malleverija depozitata mill-atturi odjerni in konnessjoni ma' l-Appell."*, fir-realta' l-kwistjoni qamet ghaliex irrifjutat li thallas l-ispejjez gudizzjarji kollha tal-atturi in kwantu ssostni li ma gietx kundannata thallas l-ispejjez in solidum mal-konjugi Mifsud. Il-qorti diga' kellha l-opportunita, fid-digriet li tat fit-

3 ta' April 2012, tispjega ghalfejn kien mehtieg il-prezenza tal-kumpannija assiguratrici.

Jibqa' l-fatt li Camilleri, atturi fil-kawza 236/99, ghandhom titolu ezekuttiv kontra Mifsud ghall-ispejjez tal-kawza. Ghalkemm minghand Fogg Insurance Agencies Limited ircevew il-hlas tas-sorte, l-imghax u nofs l-ispejjez, ma jfissirx li b'daqshekk Camilleri rrinunzjaw ghad-drittijiet li ghandhom kontra l-atturi. Ghalhekk ghandhom kull dritt li jippretendu hlas tal-ispejjez li fadal minghand Mifsud. M'ghandix mis-sewwa l-allegazzjoni tal-atturi li l-konvenuti ppregudikaw il-posizzjoni tal-atturi ghaliex accettaw nofs l-ispejjez biss minghand Fogg. Camilleri accettaw, tramite d-difensur taghhom, il-hlas li baghatet l-assikurazzjoni. Il-qorti ma tifhimx l-atturi x'qeghdin jippretendu li kellhom jaghmlu Camilleri. Jibghatu c-cekkijiet lura ghaliex thallsu biss nofs l-ispejjez ? It-twegiba hi **le**, meta tqies ukoll li kienu ilhom iktar minn hdax (11) il-sena f'kawza. Camilleri ghandhom kull jedd li jippretendu l-hlas tal-ispejjez li ghadhom ma rkuprawx minghand Mifsud kif ukoll minghand il-konvenuti l-ohra fil-kawza 236/1999 li ghamlet tajjeb ghalihom Fogg[4]. L-ghazla hi ta' Camilleri u ta' hadd iktar.

Fogg issostni li fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji ghandha thallas nofs biss, cjoe' dawk tal-wirt ta' Sean Mifsud li kien ix-xufier tal-vettura assigurata minn din il-kumpannija assiguratrici. Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-11 ta' Settembru 2012, filwaqt li ghamlet riferenza ghall-Artikolu 4(1) tal-Kap. 104, spjegat:-

*"B'danakollu, dan l-Artikolu ma jipprovdix illi l-assiguratur ghandu jkopri wkoll dawk id-danni illi ghalihom ikunu saru responsabbli l-genituri tas-sewwieq illi jinsabu responsabbli ta' culpa in vigilando u nuqqas illi jissorveljaw lil binhom minuri bhala bonus paterfamilias bhal ma gara fil-kaz odjern. Huwa car illi kien ukoll fl-istess spirtu illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghamlet distinzjoni cara fid-disposizzjonijiet taghha fis-Sentenza ta'*

[4] Fit-twegiba guramentata Fogg stess iddikjarat li ***"Illi, skond il-Ligi, l-esponenti kienet obbligata illi tkopri dawk il-pagamenti dovuti mid-defunt Sean Mifsud ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta."***.

*l-Appell billi ordnat illi d-danni akwiljani jigu sopportati solidalment bejn id-defunt u l-genituri tieghu, atturi odjerni, mentri l-ispejjez tal-proceduri kellhom jigu sopportati nofs bin-nofs."*.

Fil-parti dispozittiva tas-sentenza, il-Qorti tal-Appell qalet:-

"*L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti appellanti u l-kuraturi konvenuti appellati.".*

Il-qorti ma taqbel xejn mal-interpretazzjoni li qeghda taghti l-kumpannija assiguratrici. Fil-kawza 236/1999 il-qorti ma kellix quddiemha lil Fogg, imma lill-konjugi Mifsud u l-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-wirt ta' Sean Mifsud. Hu altru milli evidenti li l-qorti ma ghamlet l-ebda distinzjoni bejn il-konjugi Mifsud u l-wirt ta' binhom, tant li kkundannathom ihallsu *in solidum* id-danni likwidati. Il-konkluzjoni tal-qorti kienet li r-responsabbilta kienet ta' Sean Mifsud u l-genituri tieghu. Verament li fir-rigward tal-ispejjez ma jinghadx "*in solidum"*. B'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell riedet taghmel xi distinzjoni bejn is-sorte u l-ispejjez, li wara kollox jistghu jitqiesu wkoll bhala parti mid-danni li sofrew Camilleri. L-Artikolu 224 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Meta zewg persuni jew izjed jigu kkundannati ghall-hlas ta' l-ispejjez, kull wahda minnhom tinghadd li giet ikkundannata in solidum jew f'kemm ikun l-interess taghha fil-kawza* ***skond id-decizjoni fuq il-meritu.*** *"*.

Ghalhekk ghal dak li jikkoncerna l-ispejjez, id-decizjoni fil-meritu hi determinanti. Il-Qorti tal-Appell ma kellix ghalfejn tirrepeti, fir-rigward tal-ispejjez, li l-konvenuti qeghdin jigu kkundannati *in solidum* , gialadarba fil-meritu gew kundannati *in solidum*. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell qalet li l-ispejjez *"....jigu sopportati ugwalment....."*, jista' jkollu biss konsegwenza fir-relazzjoni ta' bejn il-konjugi Mifsud u l-wirt battal ta' Sean Mifsud, u certament mhux fil-konfront ta' Camilleri. Inoltre, fit-tezi ta' Fogg jidher li qieghed jigi skaratat ukoll li meta qorti taqsam il-htija bejn konvenuti, id-danneggat xorta ghandu jedd jitlob il-hlas tas-somma

**kollha** minghand **kull wiehed mill-konvenuti** (ara Artikolu 1050(2) tal-Kodici Civili). Fic-cirkostanzi l-qorti ma taqbilx mat-tezi ta’ Fogg li hallset l-ammonti kollha dovuti lil terzi (Camilleri) fit-termini tas-sentenza fuq imsemmija[5].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Camilleri, bl-ispejjez kontra taghhom.**
**2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Camilleri.**
**3. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Fogg Insurance Agencies Limited nomine, bl-ispejjez kontra taghha.**
**4. Tichad it-tieni eccezzjoni ta’ Fogg Insurance Agencies Limited nomine, bl-ispejjez kontra taghha.**
**5. Tiddikjara li wara d-digriet li nghata fit-13 ta’ Lulju 2012 m’hemmx lok li tiddeciedi dwar it-tielet eccezzjoni ta’ Fogg Insurance Agencies Limited nomine.**
**6. Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu ta’ Fogg Insurance Agencies Limited nomine.**
**7. Tichad it-talba tal-atturi u tikkonferma li l-konvenuti Camilleri ghad ghandhom titolu ezekuttiv kontra l-atturi ghall-bilanc tal-ispejjez gudizzjarji li ghadhom ma thallsux.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq dwar l-ispejjez, l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom u tal-konvenuti Camilleri. Il-kumpannija assiguratrici ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Ara paragrafu numru 14 tar-risposta guramentata li pprezentat Fogg (fol. 41).